



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-13 ta' Ottubru 2022

### Infiq tal-UE: I-awdituri jsibu aktar żbalji

Żdiedu l-iżbalji fl-infiq mill-baġit tal-UE, skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). Filwaqt li fir-rapport annwali tagħhom, li ġie ppubblikat illum, l-awdituri jikkonkludu li l-kontijiet tal-UE għas-sena finanzjarja 2021 jagħtu stampa vera u ġusta u li d-dħul jista' jitqies li kien ħieles minn żball, il-pagamenti għadhom milquta minn wisq żbalji. L-awdituri jidentifikaw ukoll ir-riskji fir-rigward tal-fondi tal-UE li saru disponibbli b'rispons għall-kriżi tal-coronavirus u l-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna. Għall-ewwel darba, ir-rapport jinkludi opinjoni separata dwar l-istrument għall-irkupru temporanju tal-UE, jiġifieri l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

L-awdituri jsibu li l-livell kumplessiv ta' żbalji fl-infiq mill-baġit tal-UE żdied fl-2021, għal 3.0 % (2020: 2.7 %). Kważi żewġ terzi tal-infiq li ġie awditjat (63.2 %) tqiesu bħala nfiq b'riskju għoli, u din ukoll hija żieda meta mqabbla mal-2020 (59 %) u qabel. Ir-regoli u l-kriterji ta' eliġibbiltà li jirregolaw dan it-tip ta' nfiq huma ta' spiss kumplessi, u dan jagħmilha aktar probabbli li jkun hemm żbalji. L-iżball materjali jkompli jolqot l-infiq b'riskju għoli f'rata stmata ta' 4.7 % għall-2021 (2020: 4.0 %).

#### Opinjoni avversa dwar l-infiq tal-baġit tal-UE

Bħal f'dawn l-aħħar sentejn, l-awdituri jikkonkludu li l-livell ta' żball għall-infiq b'riskju għoli kien pervażiv, u ħarġu opinjoni avversa dwar l-infiq tal-UE fl-2021.

Il-livell ta' żball stmat mhuwiex kejl ta' frodi, ta' ineffiċjenza jew ta' ħela: huwa stima tal-ammont ta' flus li ma ntużawx f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali. Madankollu, waqt xogħolhom l-awdituri identifikaw ukoll 15-il każ ta' frodi suspettata (meta mqabbla ma' 6 fl-2020). Huma rrappurtaw dawn il-każijiet lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), li diġà fetaħ ħames investigazzjonijiet. Każ minnhom ġie rrappurtat b'mod parallel lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), flimkien ma' każ addizzjonali li l-QEA kienet identifikat fl-2021.

*"Bil-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna, in-nuqqas ta' enerġija, il-pandemija tal-coronavirus u t-tibdil fil-klima, l-UE qed tiġi mgjegħla tindirizza fl-istess ħin il-konsegwenzi ta' sensiela ta' kriżijiet bla preċedent", qal il-President tal-QEA Tony Murphy. "Ambjent bħal dan joħloq aktar riskji u sfidi għall-finanzi tal-UE u jżid l-importanza li l-Kummissjoni Ewropea timmaniġġjahom b'mod tajjeb u effettiv. Permezz ta' xogħolna, aħna naqdu rwol importanti biex dan niżgurawh."*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport annwali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

### **L-ewwel opinjoni dwar l-infiq taħt l-RRF**

Din is-sena għall-ewwel darba l-awditu kopra l-RRF, il-komponent prinċipali tal-pakkett tal-UE ta' EUR 800 biljun "NextGenerationEU" (NGEU), li huwa maħsub biex inaqqas il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija. Filwaqt li l-infiq tal-baġit tal-UE huwa bbażat fuq ir-rimborż tal-ispejjeż u fuq il-konformità mal-kundizzjonijiet, taħt l-RRF l-Istati Membri jirċievu fondi talli jkunu laħqu stadji importanti jew miri predefiniti. Fl-2021 pagament wieħed biss sar mill-RRF, lil Spanja. L-awdituri sabu li 1 mit-52 stadju importanti inklużi fit-talba għall-pagament Spanjola ma kienx intlaħaq bis-sħiħ, iżda ma qisux l-impatt assoċjat bħala materjali. Madankollu, l-awdituri identifikaw dgħufijiet fil-valutazzjoni li l-Kummissjoni kienet wettqet tal-istadji importanti, u jappellaw għal titjib f'valutazzjonijiet futuri tal-istess tip.

L-awdituri josservaw li l-konformità mar-regoli l-oħra tal-UE u dawk nazzjonali ma tiffurmax parti mill-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni dwar il-legalità u regolarità tal-pagamenti taħt l-RRF u għalhekk mhijiex koperta fi ħdan l-opinjoni tal-QEA. Dan l-aspett se jiġi eżaminat b'mod separat permezz ta' awditi futuri meta jiġi kkompletat ix-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-effettività tar-riformi differenti li jinsabu fl-istadji importanti tkun pjuttost suġġett għal rapporti speċjali ddedikati fil-futur.

### **Ir-rispons għall-pandemija u għall-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna jżid ir-riskji baġitarji**

L-esponiment totali tal-baġit tal-UE għal obligazzjonijiet futuri potenzjali rdoppja u aktar fl-2021, minn EUR 131.9 biljun għal EUR 277.9 biljun. Dan kien dovut prinċipalment għall-ħruġ ta' EUR 91.0 biljun f'bonds għall-finanzjament tal-pakkett NGEU, u żieda ta' EUR 50.2 biljun f'assistenza finanzjarja biex tgħin lill-Istati Membri jħarsu l-impjegi u l-ħaddiema milquta mill-pandemija.

L-awdituri jwissu wkoll dwar ir-riskji li l-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna toħloq għall-baġit tal-UE. Fi tmiem l-2021, l-Ukrajna kellha self pendenti b'valur nominali ta' EUR 4.7 biljun taħt bosta programmi tal-UE. Il-Bank Ewropew tal-Investment ta wkoll self lill-Ukrajna, kopert minn garanziji tal-UE, għall-valur ta' EUR 2.1 biljun.

L-impenji pendenti mill-baġit tal-UE naqsu fl-2021, prinċipalment minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt il-QFP 2021-2027, u l-ammont tagħhom kien ta' EUR 251.7 biljun fi tmiem l-2021 (2020: EUR 303.2 biljun). Madankollu, it-total tal-impenji pendenti (li jinkludi EUR 89.9 biljun għall-NGEU) laħaq ammont għoli rekord ta' EUR 341.6 biljun. Il-QEA tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għadhom jeżistu differenzi sinifikanti fl-assorbiment tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej (SIE) min-naħa tal-Istati Membri, mill-baġit tal-perjodu 2014-2020. Filwaqt li l-Irlanda, il-Finlandja u Ċipru, pereżempju, kienu ġabru aktar minn tliet kwarti tal-flus allokati lilhom, it-tliet pajjiżi tal-UE fejn ir-rata ta' assorbiment kienet l-aktar baxxa (il-Kroazja, is-Slovakkja u Malta) kienu użaw biss ftit aktar minn nofs l-ammonti impenjati tagħhom.

### **Mistoqsijiet miftuħa rigward l-ittra tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt li ntbagħtet lill-Ungerija**

Fir-rapport tagħhom l-awdituri jirreferu għan-notifika bil-miktub li l-Kummissjoni baġtet lill-Ungerija f'April 2022, li skattat il-proċedura li tista' twassal għal miżuri kontra Stat Membru għal ksur tal-istat tad-dritt. Fir-rapport annwali tagħha dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR), li jipprovdi informazzjoni ewlenija dwar il-kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja tagħha, il-Kummissjoni ma tiddivulgax kif din in-notifika tista' tolqot ir-regolarità tal-infiq fl-Ungerija.

### Informazzjoni ġenerali

FI-2021, l-infiq tal-baġit tal-UE ammonta għal EUR 181.5 biljun, li huwa l-ekwivalenti ta' 2.4 % tal-infiq totali tal-gvernijiet estiżi tal-Istati Membri u 1.3 % tal-introjtu nazzjonali gross tagħhom. B'kont meħud tal-infiq taħt l-RRF, it-total tal-pagamenti mill-UE fl-2021 kien EUR 228.0 biljun. Madwar tliet kwarti minnu ntefqu taħt ġestjoni kondiviża, sistema li taħtha l-Istati Membri jiddistribwixxu l-fondi, jagħżlu l-proġetti u jimmaniġġjaw l-infiq tal-UE.

Kull sena, l-awdituri jawditjaw id-dħul u l-infiq tal-UE, filwaqt li jeżaminaw jekk il-kontijiet annwali humiex affidabbli, u jekk it-tranżazzjonijiet tal-introjtu u tal-infiq jikkonformawx mar-regoli applikabbli.

Opinjoni "aversa" tfisser li l-awdituri jkunu identifikaw problemi mifruxa. Waqt li jkunu qed jaslu għall-opinjoni tagħhom, l-awdituri jittestjaw kampjuni ta' tranżazzjonijiet biex jiksbu stimi bbażati fuq l-istatistika ta' kemm l-infiq taħt il-baġit tal-UE jkun milqut minn żball. Huma jqabblu l-livell ta' żball stmat għal dan l-infiq ma' soll ta' 2 %, jiġifieri r-rata li 'l fuq minnha l-infiq irregolari jitqies li jkun materjali.

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547